Minuti tat-tlieta u erbgħin (43) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita nhar it-Tlieta 22 ta’ Marzu 2011 fis-6.00pm.

Il-laqgħa bdiet b’dawn il-membri preżenti:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef

Segretarju Eżekuttiv: Is-Sur Karl Vella

**1. TALBA**

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta’ talba.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sejjaħ din il-laqgħa b’urġenza biex ma jintilifx aktar żmien dwar l-evalwazzjoni ta’ dawn l-offerti u anke dwar l-iskema tal-PPP fuq toroq.

Il-Viċi Sindku Anthony Borg u l-Kunsillier Lorry Apap daħlu fil-kamra fis-6.10p.m.

**2. GĦOTI TA’ OFFERTI**

**2.1 Tender FONT 04/2010: Patching bil-*Hot Asphalt* f’diversi toroq fil-Fontana**

Il-Kunsill qabel li nitolbu parir mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jikkjarifika xi punti li ħarġu mill-offerta ta’ wieħed mill-kuntratturi.

**2.2 Tender FONT 05/2010: Xogħlijiet ta’ kisi ta’ toroq b’konnessjoni mal-*Public Private Partnership Scheme***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s’għada rridu nagħtu risposta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar f’hiex waslet din l-offerta għall-kisi bit-*tarmac* għal Triq l-Isptar San Ġiljan u parti minn Triq il-Għajn. Ġie maqbul sabiex is-Segretarju Eżekuttiv jerġa jikteb lid-Dipartiment fejn ninfurmawhom li l-offerta sabiex isiru dawn it-toroq hija ta’ madwar €228,000 meta l-istima tal-Perit kienet ta’ madwar €92,000. Barra minhekk, fi Triq l-Isptar San Ġiljan irid isir *culvert* li skond l-istima tal-Perit tal-Kunsill ser ikun jiswa madwar



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta’ Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

€45,000. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel sabiex nitolbu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex iżidilna l-fondi sabiex inkunu nistgħu nagħmlu dan il-proġett.

**2.3 Kwotazzjoni FONQ 04/2010: Restawr tal-Għajn tal-Loġoġ**

Peress li l-offerta li ssottometta Gatt Tarmac Ltd kienet għolja, il-Kunsill qabel (fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Perit inkarigat) sabiex jerġa joħroġ l-offerta mill-ġdid, dan għar-raġuni li l-kuntrattur naqqas bi ftit l-offerta u minn €6,446.38 niżlet għal €6,321.38.

**2.4 Tender FONT 06/2010: Demolition of existing structure and construction of second phase of Fontana Civic Centre**

Irċivejna ittra mingħand il-Perit Attard Montalto fejn hi ssuġġeriet li l-Kunsill jikkonsulta lil konsulent legali tiegħu fuq id-dokumenti li ġew ippreżentati minn Peter Paul Said Contractor. Il-Kunsill qabel li jittieħed parir mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti.

**2.5 Tender FONT 07/2010: Collection of mixed household waste in Fontana, Gozo**

Il-Kunsill qabel li nitolbu parir mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jikkjarifika xi punti li ħarġu mill-offerta ta' wieħed mill-kuntrattruri.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30pm.

Karl Vella
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt